MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Numru. 871/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Glen Dalli**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 15 ta' Settembru, 2014 fil-konfront ta` Glen Dalli ta' 34 sena, iben Martin u Dolores nee' Hili, imwieled Pieta' nhar is-17 ta' Awissu, 1980, u residenti 11, Flat 2, Triq Magizini, Floriana, detentur tal-karta tal-identita' numru 384780 M fejn ġie akkużat talli:

1. nhar it-3 ta' Settembru, 2014 għal ħabta ta' 12.15 am, fi Triq Bordino, San Pawl il-Baħar, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Svetlana Kabanec f'perikolu ċar, ikkagunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura gravi, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Moses Camilleri, detentur ta' numru tar-reġistru mediku 2242 tal-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. Talli fl-istess data, ħin, u ċirkostanzi imsemmija qabel, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lil privat li jarresta lil ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Svetlana Kabanec kontra l-volonta' tagħha u dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. Talli fl-istess data, ħin u cirkostanzi uża vjolenza kontra Svetlana Kabanec sabiex igiegħla tagħmel, tħalli li jsir, jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa u dan bi ksur tal-Artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
4. Talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tas-7 ta' Novembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu kif ukoll eżibixxa diversi dokumenti GS1 sa GS4 b'dan li speċifika li f'dan il-każ l-imputazzjonijiet ta' offiża ta' natura gravi kienet qed tiġi kontestata fil-forma imsemmija mill-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu huwa tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti ai termini tal-Artikoli 392A(1) u 453 tal-Kodiċi Kriminali wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha;

Il-Qorti rat li wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex jiddeċiedi jekk hux sejjer lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti semgħet lill-parte civile tiddikjata seduta stante li hija minn naħa tagħha, aktar minn kull ħaġa oħra, hija kienet interessata prinċipalment li l-imputat bl-ebda mod ma jersaq lejha, javviċinha jew jimmolestaha u li għalhekk tinħareġ ordni ta' protezzjoni favur tagħha aktar minn kull piena oħra li tista tingħata lill-imputat, u li jħallasha tal-ispejjeż mediċi inkorsi minnha in konsegwenza għal dan l-inċident.

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata u mtennija tal-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għalhekk sejra tgħaddi biex tagħti s-sentenza tagħha wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ, il-Qorti setgħet tikkonstata li l-ġrieħi li għandha l-parte civile huma ta' natura gravi in kwantu jikkostitwixxu sfreġju f'wiċċ il-parte civile.

Mill-banda l-oħra rat li l-imputat irreġistra ammissjoni mal-ewwel okkażjoni disponibbli għalih. Huwa għandu l-fedina penali tiegħu netta. Inoltre minbarra li assuma responsabblita' għall-egħmil tiegħu quddiem din il-Qorti ħallas ukoll l-ispejjeż mediċi lill-parte civile. Rat ukoll li l-parte civile kienet qegħda tinsisti prinċipalment li tinħareġ ordni ta' protezzjoni favur tagħha aktar minn kull piena oħra li tista tingħata lill-imputat.

Il-Qorti tqis li minkejja l-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati li jtennu li reati fejn tintuża vjolenza u fejn ikun hemm offiżi, b'mod partikolari offiżi ta' natura gravi bħala regola, l-Qrati għandhom dejjem jimponu piena karċerarja effettiva, fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, tali miżura fid-dawl ta' dak mistqarr aktar il-fuq din il-Qorti tqis li għandha iva timponi piena karċerarja, iżda fil-forma sospiża tagħha.

***GĦALDAQSTANT : -***

Wara li rat l-Artikoli 17(d)(h), 31, 86, 214, 216(1)(b), 251(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil **Glen Dalli,** fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u qegħda **tikkundannah għall-piena ta' sentejn priġunerija**; **iżda wara li rat l-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ta' priġunerija m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien erba' snin millum** u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu imnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Minbarra dan, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li rat l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li jinħareġ ordni ta' protezzjoni kontra tal-imputat skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qiegħed isir għal perjodu ta' tliet snin millum.

Il-Qorti fisret bi kliem ċar u li jinftiehem lill-ħati it-tifsira tal-ħruġ t'ordni ta' protezzjoni u l-konsegwenzi kollha fil-każ li huwa jikser tali ordni.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28Ħ(1) tal-Kodiċi Kriminali, b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta, il-Qorti qegħda tagħmel direttiva li permezz tagħha qegħda tobbliga lill-ħati sabiex **fi żmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza jħallas lill-Svetlana Kabanec is-somma ta' sitt mitt euro (€600),** liema ammont, ai termini tal-Artikolu 28Ħ(3) tal-Kodiċi Kriminali qiegħed jiġi stabbilit mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-istess Svetlana Kabanec;

Ai termini tal-Artikolu 28Ħ(7) tal-Kodiċi Kriminali, fid-dawl tad-direttiva ta' ħlas bis-saħħa ta' dan l-Artikolu, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan l-Artikolu jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu ma' dik id-direttiva;

Finalment il-Qorti wara li rat l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali qegħda tordna li l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza jiġu mibgħuta lil Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.

**Mogħtija illum it-28 ta' Novembru 2014 fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------